**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 09 ta' Ġunju, 2020**

**Rikors Guramentat numru : 263/15 AL**

**A B**
**-vs-**

**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina b'digriet tat-18 ta' Marzu 2016 gew nominati bhala kuraturi deputati ghall-assenti C B u b'digriet tat-18 ta' April 2016 l-Avukat Dr. Martin Fenech gie sostitwit bl-Avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar u b'digriet tas-27 ta' April 2016 l-Avukat Mark Mifsud Cutajar gie sostitwit b'Dr. Victor Bugeja.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ipprezentat mill-attrici, li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-esponenti hija mizzewga lill-intimat u li minnu hija ddivorzjata mill-Qorti Ukrejna ara Dok. A anness;
2. Illi l-partijiet għandhom tifel li jismu D E li għandu karta tal-identita` numru XX u jgħix ma' ommu u dan anki skont id-deċizjoni tal-Qorti Ukrena;
3. Illi l-intimat ma jgħix Malta imma barra minn Malta ġewwa l-Ukrajina u ma tafx fejn qiegħed ezatt;

4. Illi l-esponenti tixtieq li jkollha l-kura u l-kustodja tal-minuri u li fil-fatt din ingħatat awtorizazzjoni biex tipproċedi b'din il-kawza skont ara Dok. B anness;
5. Illi għal dan il-għax kellu jiġi ntavolat dan ir-rikors;

Talbet għar-raġunijiet fuq imsemmija, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa u opportuna illi l-intimat igħid għaliex din il-qorti m'għandhiex :-

1. Tiddikjara u tiddeiedi illi l-imsemmi minuri jiġi fdat f'idejn l-esponenti u li din tingħata l-kura u kustodja tiegħu.

Bl-ispejjez kontra l-intimati mil-lum ingunti għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament l-esponenti ma humiex edotti mill-fatti konnessi mal-kawza;
2. Illi fi kwalunkwe kaz, tenut kont c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-esponenti qeghdin jirrimettu ruhhom ghad-decizzjoni tal-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Semgħet lix-xhieda illi tressqu, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha kawza fejn ir-rikorrenti qegħda titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri D  E.

Illi kull referenza għall-konvenut f'din is-sentenza hija referenza għall-konvenut assenti u mhux għall-kuraturi deputati li debitament jirrappreżentaw l-assenza tiegħu

**Provi:**

Illi xehdet ir-rikorrenti u qalet li l-minuri D għandu disa' snin, li dejjem għex magħha minn mindu twieled, u li ma tafx fejn jinsab il-missier B C. Żiedet tgħid li żewġha C kien infurmaha bil-miktub li m'għandux oġġezzjoni li hi jkollha l-kura u l-kustodja ta' binhom. Ir-rikorrenti ppreżentat Dok AX1 minn fejn jirrizulta illi hija ġiet deskritta mit-tabib tal-familja bħala omm dedikata u li tieħu ħsieb lil binha bl-aħjar mod.

Illi xehdet Dr. F G u qalet li hija ħabiba tar-rikorrenti. Iddeskriviet lir-rikorrenti bħala omm eċċellenti, li dejjem tieħu ħsieb ta' binha, li hija tiddedika ħajjitha għal binha. Hija xehdet li kienet marret mar-rikorrenti biex ir-rikorrenti tikteb lil binha l-iskola, kienu rrikjedew il-firma tal-missier u konsegwentement it-tifel kien tilef tlett xhur skola, sakemm ir-rikorrenti għamlet traduzzjoni ta' ftehim li r-rikorrenti kienet għamlet mal-missier fejn il-missier tal-minuri kien qabel li d-deċiżjonijiet kollha relatati ma' saħħa, edukazzjoni u safar tal-minuri kellhom jittieħdu mill-omm.

<u>PRINĊIPJI LEGALI</u>

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[1], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

[1] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Reverendo George Lawless[2], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si reputino spedienti del vantaggio di tali figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[3], u fil-kawza fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[4], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut".

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili[5].

Illi f'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-

[2] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;
[3] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956
[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).
[5] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

APPLIKAZZJONI TA' DAWN IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi r-rikorrenti ħadet ħsieb il-kura u kustodja tal-minuri sa minn meta l-minuri D kien għadu zgħir. Illi l-konvenut kien nieqes minn ħajjet il-minuri minn eta` tenera, ir-rikorrenti stess qed tikkonferma fir-rikors promotur li l-konvenut ma jgħix f'Malta iżda fl-Ukrajina u ma tafx fejn qiegħed. Illi irrizulta anke mill-provi prodotti, li l-omm, sa minn meta l-minuri D kien għadu żgħir, kienet tieħu ħsieb il-ħtiġijiet kollha tiegħu ta' kuljum, skolastiċi u mediċi, u tieħdu wkoll il-privat tal-Malti u l-Ingliż, kif ikkonfermat ix-xhud Dr. F G.

Illi għalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti rat li l-kura u l-kustodja tal-minuri D E għandha tkun fdata unikament u esklussivament f'idejn ir-rikorrent. Inoltre, il-Qorti kkunsidrat ukoll li r-rikorrenti kienet responsabbli għall-għixien u t-trobbija tal-minuri fl-assenza tal-konvenut sa minn mindu l-minuri kien għadu żgħir. Inoltre`, in sostenn għat-talba tagħha, ir-rikorrenti esebiet deċiżjoni tal-Qorti Ukrena, Dok A mar-rikors promotur, li turi li r-rikorrenti iddivorzjat mill-intimat, u skont l-istess deċiżjoni tal-Qorti Ukrena, l-imsemmi minuri kellu jkompli joqgħod ma' ommu. Di piu`, il-konvenut assenti kien ftiehem mar-rikorrenti li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li l-omm tieħu d-deċiżjonijiet kollha relatati mal-edukazzjoni, saħħa u safar tal-minuri, kif ikkonfermat minn Dr. F G, li kienet għamlet it-traduzzjoni ta' dan il-ftehim. Din il-Qorti tiddeċiedi wkoll li kwalsiasi deċiżjoni rigwardanti saħħa, edukazzjoni, safar, inkluż ħruġ u/jew tiġdid tal-passaport tal-minuri, għandha tittieħed mir-rikorrenti weħedha mingħajr il-bżonn tal-awtoriżazzjoni u /jew il-kunsens tal-konvenut.

DEĊIDE

Għalhekk għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri D E għandha tiġi fdata unikament u esklussivament f'idejn ir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, b'dan illi r-rikorrenti għandha proviżorjament tħallas id-drittijiet tal-kuraturi Deputati.